MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 416/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Warren Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 239272(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fil-15 ta' Dicembru 2010, gewwa l-Omerta Restaurant – Old Bakery Street – Valletta, hu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, pprovda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq

il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta’ l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Otturbu, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 51, 77(o), 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-istess Kapitolu 406, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi.

Illi l-fatt illi rriżulta li l-appellant kien sprovvist minn cash register u irċevuti fiskali ma huwiex biżżejjed biex tinstab ħtija. Sabiex l-akkuza kif dedotta treggi l-prosekuzzjoni kellha wkoll ggib il-prova illi l-appellant meta kien hemm sprovvist “pprovda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti”.

Illi mill-provi imressqa ma rrizultax illi fir-restaurant in kwistjoni dak il-hin tal-ispezzjoni kien hemm xi nies ghajr ghall-appellant li kien fil-kcina, u ghalhekk l-appellant qatt ma setgha pprovda jew offra li jipprovdi xi haga lill-xi persuna ohra, meta ma kien hemm ebda persuna ohra.

Illi wkoll mill-provi imressqa ma rrizulta b’ebda mod illi l-appellant espona xi oggetti ghall-bejgh.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti l-akkuża hija waħda sħiħa u ma tistax tiġi spezzettata, fis-sens, illi sabiex tinstab ħtija, l-prosekuzzjoni kellha bil-fors iggib il-prova, illi apparti li l-appellant kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tal-irċevuti fiskali, fl-istess hin huwa "provda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgħ oġġetti".

Illi għalhekk l-Ewwel Qorti messha, dejjem skont il-provi prodotti quddiemha waslet għal deċiżjoni inversa minn dik li waslet ghaliha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur u tal-abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid. Ix-xhieda kienu s-segwenti:

Xehdet Miss Connie Azzopardi li qalet li fil-15 ta' Diċembru 2010 kienet saret surprise inspection ġewwa Omerta' Restaurant fi Triq Old Bakery l-Belt. Il-ħanut ma kellux mod kif jinħarġu riċevuti fiskali jew bl-idejn jew bil-cash register.

Xehed ukoll John Cassar, spettur tal-VAT li qal li fil-jum imsemmi kien mar mal-kollega tiegħu biex jagħmlu spezzjoni fir-restaurant Omerta'. Dan kien sprovvist minn metodu ta' kif jinħarġu r-receipts. Huma kienu kellmu lis-sur Warren Cremona li uriehom fiscal receipt book li kien mimli. L-aħħar receipt kienet number 500 bid-data 22 ta' Novembru, 2010. Is-sur Cremona kien fir-restaurant. Fil-ħin tal-inspection, la kien hemm cash register u lanqas receipt book.

Id-difiża ssottomettiet li biex treġi l-imputazzjoni jinħtieġ li jkollok iż-żewġ elementi flimkien – li m'għandekx il-mezzi biex tagħti riċevuta kif ukoll li offrejt xi servizz jew prodott għall-bejgħ. F'dan il-każ ma nġabet ebda prova li fil-ħanut

kien hemm xi nies biex jieħdu xi servizz jew biex jixtru xi oġġett. Lanqas ma nġabet prova li kien hemm xi oġġett għall-bejgħ jew li l-ħanut kien miftuħ għan-negozju.

Il-Prosekuzzjoni rrispondiet li l-ħanut kien miftuħ għall-kummerċ u dan huwa restaurant. Dan il-ħanut kien ilu għaddej hekk għall-anqas tliet ġimgħat.

L-artikoli in kwistjoni huma dawn li ġejjin:

(i) L-artikolu 77(o) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

'(o) tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, waqt li tkun sprovvista, fil-lok fejn tipprovdi jew toffri li tipprovdi lil persuna oħra u, jew tesponi għall-bejgħ oġġetti, minn cash register fiskali jew kotba tar-riċevuta fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju;'

(ii) L-artikolu 51

51. Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ fattura ta' taxxa skond l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew dokument ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda. (Ara wkoll il-paragrafu 2 tat-Tlettax-il Skeda)

(iii) L-artikolu 2

"provvista" tfisser operazzjoni li hija meqjusa bħala provvista ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi skont it-Tieni Skeda;

Mid-dispożizzjonijiet li saret referenza għalihom fil-paragrafi preċedenti jirriżulta li d-definizzjoni tal-kelma 'provista' tkopri kollox – sew bejgħ ta' servizzi kif ukoll ta' oġġetti.. Għalhekk hawnhekk japplika l-artikolu 51 tal-Kap 406 kif jidher aktar '**il fuq. Dan l-artikolu huwa**

**espliċitament imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għalhekk inkluż fl-imputazzjoni..**

Fil-każ in eżami, l-ispezzjoni saret f'restorant fejn il-klijenti jingħataw l-ikel kif ukoll servizz. Fil-mument li saret l-ispezzjoni jidher li r-restorant kien miftuħ (filfatt din l-ispezzjoni saret fid-21.30pm) u li l-aħħar riċevuta li kienet ingħatat kienet tmur lura għat-22 ta' Novembru 2010.

L-argument ewlieni tad-difiża huwa li ma nġiebet ebda prova li fil-ħanut kien hemm nies biex jieħdu xi oġġett jew xi servizz. Bir-rispett kollu l-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju għar- raġunijiet li qed jidhru hawn taħt.

L-ewwelnett ġaladarba l-ispetturi daħlu fil-ħanut, sinjal li dan kien miftuħ għall-klijentela għaliex li kieku kien magħluq kieku l-ispetturi ma kinux jidħlu. Minn imkien ma jirriżulta li l-ispetturi kellhom iħabbtu biex jinfetaħ il-bieb. Għalhekk ir-restorant kien qed joffri li jipprovdi lil persuna oħra xi oġġett għall-bejgħ jew xi servizz (Artikolu 51).

It-tieni m'hemmx għalfejn issir il-prova li kien hemm in-nies preżenti waqt l-ispezzjoni jew li kien hemm klijenti qegħdin jieklu bil-platti quddiemhom. Huwa biżżejjed li ssir il-prova li r-restorant kien miftuħ u li għalhekk lest li jipprovdi l-ikel u s-servizz. Awtomatikament dan iġib l-obbligu tal-cash register jew tal-fiscal receipt book.

It-tielet ir-restorant kien ilu ma joħroġ xi riċevuta fiskali għal 22 jum.

Għar-raġunijiet mogħtija l-Qorti mhix tilqa' l-aggravju u s-sottomissjonijiet tal-appellant.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-12 t'Ottubru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------